Avviz Numru CCT 35/12/GZ

**Josephine Zarb Cousin**

**vs**

**Vision Line Market Centre**

Illum 19 ta' Novembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hamsa u tletin Ewro (€35.00) u spejjez legali ta' disgha Ewro u ghoxrin centezmu (€9.20), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal 'swivel sweeper' li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema 'swivel sweeper' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'sweeper' minghand is-socjeta' ntimata, pero' wara li uzatha xi tliet (3) darbiet, inkissretilha l-lasta. Ghalhekk, hija haditha lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn inghatat wahda gdida. Meta r-rikorrenti uzat is-'sweeper' il-gdida xi darbtjen, regghat inkissret il-lasta, pero' din id-darba, is-socjeta' ntimata informatha illi jekk riedet ohra kellha thallas ghaliha. Wara xi hames (5) gimghat, anke c-'charger' sar difettuz.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet lesta li tbiddel ic-'charger' a spejjez taghha, pero' r-rikorrenti qabdet u bdiet il-proceduri odjerni, fejn qalet illi s-socjeta' ntimata ma kenitx mxiet ta' nies. Is-socjeta' ntimata ma tistax tifhem ghalfejn ir-rikorrenti qalet hekk, ghaliex meta nkisretilha l-lasta, li skond is-socjeta' ntimata din inkissret bi traskuragni u mhux ghaliex kienet difettuza, hija bidletielha mhux darba izda darbtejn.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ittra datata 27 ta' Dicembru 2011 u ndirizzata lir-rikorrenti; flimkien ma' estratt mill-ktieb ta' l-istruzzjonijiet li nghata lir-rikorrenti ma' l-i'sweeper' in kwistjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi hija kienet lesta li taghti 'charger' gdid lir-rikorrenti, pero' hija qabbdet u fethet dawn il-proceduri.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-garanzija datata 27 ta' Lulju 2011, li giet immarkata bhala Dok.FC1.

It-Tribunal josserva illi, anke fuq domandi tieghu stess, ir-rikorrenti baqghet tinsisti illi hija ma rieditx taccetta 'charger' gdid, ghaliex kellha l-bizgha illi forsi jerga' johroglu xi difett.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti d-difetti hekk allegati ta' l-oggetti in kwistjoni, u l-ebda prova rigwardanti l-prezz ta' l-istess. Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**